MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 197/2003

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Group C Limited, William Caruana, Kenneth Caruana u b'digriet tal-25 ta' Frar 2004 Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rossingaud gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil Kenneth Caruana li jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer, u Edward u Kim mizzewgn Ellul

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur biha ppremetta:

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 14 ta' Gunju 1994, in atti Nutar Dottor Pierre Attard (Dok "A"), is-socjeta` attrici kienet ikkoncediet "Loan Facility" lis-socjeta` konvenuta Group C Limited;

Illi s-socjeta` attrici kienet tinsab kreditrici tas-socjeta` konvenuta Group C Limited fis-somma ta' mitejn u ghaxart

elef, tmien mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u tletin centezmu (LM210, 851.30) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tas-socjeta` Group C Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok B1 sa B7) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe` dak datat 14 ta' Gunju 1994, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard (Dok "A") kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Gunju 1994 (Dok "C"), il-konvenut William Caruana kien iggarantixxa flimkien u ***"in solidum"*** mas-socjeta` Group C Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta` Group C Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe` dak datat 14 ta' Gunju 1994, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard (Dok "A"), kif ukoll, permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Gunju 1994 (Dok "D"), il-konvenut Kenneth Caruana kien iggarantixxa flimkien u ***"in solidum"*** mas-socjeta` Group C Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta` Group C Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe` dak datat 14 ta' Gunju 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard (Dok "A"), kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Gunju 1994 (Dok "E"), il-konvenuti Edward u Kim mizzewgin Ellul kienu ggarantew flimkien u "***in solidum"*** mas-socjeta` Group C Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta` Group C Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-konvenuti kienu gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati l-1 ta' Settembru 1999 u li kopja taghhom giet esebita u mmarkata Dok, "F", "G", "H", "I", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadempjenti.

Is-socjeta' attrici talbet lil Qorti:
(1) Tikkundanna lis-socjeta` Group C Limited u lil William Caruana, Kenneth Caruana u Edward u Kim

mizzewgin Ellul, jhallsu flimkien u “***in solidum”*** bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u ghaxart elef, tmien mija u wiehed u hamsin centezmu (Lm210, 851.30) bilanc ghad-debitu fil-Loan Account tas-socjeta` Group C Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “B1 sa B7) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2002 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati u tal-mandati ta’ Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra intavolati kontra l-imsemmija William Caruana, Kenneth Caruana, u edward u Kim mizzewgin llul mis-socjeta attrici ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Edward u Kim mizzewgin Ellul li eccepew:

1. Illi l-kreditu attrici pretiz f’din l-azzjoni kien jirrizulta mill-att pubbliku ta’ self ippubblikat minn-Nutar Dottor Pierre Attard fl-14 ta’ Gunju 1994 u ezebit bhala Dok “A”. Il-kreditu ghall-hlas ta’ tali ammonti seta’ gie rez ezekuttiv bl-espedjent facili u xejn kostuz tal-presentata ta’ ittra ufficjali, b’mod allura illi, skond l-insenjament tal-gurisprudenza prevalenti, l-ispejjes ta’ din l-istanza in konnessjoni ma’ tali ammonti kellhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici u mhux mill-konvenuti.

2. Illi l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici kontra l-konvenuti kien jinkludi imghaxijiet komposti, illi ma kienx permess fil-Ligi.

3. Illi l-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici kontra l-konvenuti bhala garanti tad-debitu, kien ezagerat in kwantu kien jeccedi l-ammonti pagabbli mill-istess

konvenuti, bhala garanti tad-debitur principali, skond il-Ligi u skond il-ftehim ta’ garanzija.

4. Illi l-garanzija moghtija mill-konvenuti kollha (hlief naturalment is-socjeta` Group C Limited, bhala debitur principali) ma kienx iwassal ghal solidalita` bejn id-diversi garanti billi ma kenitx miftehma ebda solidalita` bejniethom.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti Edward u Kim mizzewgin Ellul.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Dottor Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rossignaud kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil Kenneth Caruana li biha eccepew:

1. Illi b’digriet tal-25 ta’ Frar 2004, huma kien gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Kenneth Caruana.

2. Illi huma ma kellhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma kienu rriservaw li jecepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-P.L. Joseph Zammit ghall-bank attur.

Xehed il-P.L. Joseph Zammit li qal li hu kien qieghed jidher bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici u qal li ma kien sar l-ebda pagament akkont mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u l-bilanc kien ghadu dovut ***plus*** l-interessi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti.

Xehed Edward Ellul u meta kien gie mistoqsi dwar x'kienu c-cirkostanzi biex sar l-att pubbliku ta' l-14 ta' Gunju 1984 u hu qal li ghan-nom tal-kumpanija tieghu ta' Assos Holding Limited hu kien ser jissellef flus minghand il-Bank of Valletta. Hu kien ser jiakkwista ishma f'kumpanija li kienet sejra tixtri lukanda. Il-kumpanija li kienet ser tixtri lukanda kienet il-Pyramid Hotels Limited. Group C Limited kienet azzjonista gol-Pyramid Limited. Group C Limited ukoll kienet sejra tissellef flus ghall-istess skop. Zied jghid li l-bank kienx xtaq li hu jaghmel ***cross guarantee*** ghal Group C waqt li l-Group C jaghmel ***cross guarantee*** ghalih. Ma kienx jaf ma' liema mill-ufficjali tal-bank kien tkellem waqt in-negozjati. Il-garanziji kienu gew iffirmati. Hu qatt ma kien gie moghti informazzjoni jekk il-***loan account*** kienx qieghed jigi mhallas jew le minn Group C Limited. Kien sar jaf bil-problema li ma sarx il-hlas meta rcieva l-karti relattivi ghal din il-kawza. Ma tantx kien inkwieta dwar din il-bicca xoghol inizjalment fis-sens illi kien jaf li l-bank iqis illi jkun hemm xi 70 jew 75% tal-proprjeta` biex tiggarantixxi u tkunu sufficjenti u ghalhekk kien qies li dak li kien gie offrut mill-Group C kien sufficjenti hlief ghal xi possibilment ***short fault***.

In kontro ezami kkonferma li kien rcieva ittra ufficjali ghall-hlas qabel ma giet istitwita l-kawza odjerna. Ikkonferma li fil-fatt il-Pyramid li fiha ghandhu l-ishma hu kienet ghamlet il-konkluzjonijiet taghha mal-bank. Meta hu kien qed jiddiskuti mal-bank fuq il-***loan***, il-Pyramid ma deherlux li kien qed jiddiskuti fuq dan l-aspett ukoll. Ix-xhud kien dahal garanti kemm ghal Pyramid kif ghal Group C.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza, il-Bank attur qed jitlob rifuzjoni tas-somma ta' LM210, 851.30 rapprezentanti l-bilanc dovut ghad-debitu fil-"***Loan Account***" tas-socjeta` Group C Ltd.

permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Gunju 1994. In forza ta' l-istess att, il-konvenut William Caruana dahal garanti flimkien u '***in solidum'*** mas-socjeta` Goup C Ltd. Illi l-konvenut Kenneth Caruana ggarantixxa flimkien u '***in solidum'*** mas-socjeta` Group C Ltd. Ukoll, il-konvenuti Edward u Kim Ellul iggarantew flimkien u '***in solidum'*** mas-socjeta` Group C Ltd. ghall-hlas lura tad-dejn.

***D1. l-ewwel eccezzjoni - titolu esekuttiv***

Illi gie eccepit li stante li l-kreditu ghall-hlas ta' tali ammonti seta' gie res ezekuttiv bl-espedjent facli u xejn kostuz tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali, b'mod li l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mas-socjeta` attrici. Dwar din l-eccezzjoni, il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard, huwa kuntratt ta' self (a fol 7 sa 15).

Is-subartikolu 253(b) tal-Kap 12 jaqra testwalment:
"Huma titoli ezekuttivi:
(b) il-kuntratti rcevuti minn Nutar Pubbliku ta' Malta , jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jirvevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq u ma jikkonsistix f'ezekuzzjoni ta' fatt."

Skond il-ligi, l-ammont irid ikun cert, likwidu u li ghalaq. Il-Qrati taghna dejjem irritjenew in-necessita` ta' procedura b'citazzjoni ghal biex jigi stabbilit l-ammont effettivament dovut. (Ara **Lapsi Holdings Ltd. vs H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru 2005.) Fil-kaz ta' self, titolu bhal dan jista' jikkostitwixxi titolu ezekuttiv, soggett dejjem ghan-necessita` tal-prezentata u n-notifika lid-debitur tal-ittra ufficjali skond kif dispost mis-subartikolu 256(2) tal-Kap 12 li jiddisponi:
"L-esekuzzjoni ta' kull titolu ezekuttiv iehor ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju."

Ta' min isemmi li l-lokuzzjoni tal-kuntratt hija ***grant on loan.*** Ghalhekk ma jinkwadrax ruhu f'kuntratt cert, likwidu, u skadut [ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet **William Warrington vs Consiglio Sciberras** deciza fit-8 ta' Lulju, 1995. Ukoll kuntratti ma' Bank ghal

self ma humiex titoli esekuttivi [ara sentenza tal-Onor Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **Vincent Albert Muscat vs Rudolph Xuereb noe,** u sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Frar, 2004 fl-ismijiet **Lombard Bank Malta p.l.c. vs Eurinpex Limited nomine et]**.

Stante li d-dejn fil-kaz taht ezami kien wiehed li ghalaq, u l-konvenuti qed jikkontestaw l-ammont minhabba imghaxijiet kif komputati (imghax kompost), il-Qorti jidhrilha li din il-kawza kienet mehtiega. Infatti l-konvenuti Ellul stess li ssollevaw din l-eccezzjoni eccipew bhala tieni eccezzjoni fuq l-imghaxijiet komposti. Dan necessarjament iwassal ghall-fatt li l-kawza kienet necessarja.

***D2. it-tieni eccezzjoni – imghaxijiet komposti***

Jibda biex jinghad, li fuq il-kwistjoni ta' imghaxijiet, fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet ***"ad hoc"*** mill-Kodici Kummercjali, hekk kif jirrizulta mill-Artikolu 3 tal-Kap 13, tapplika l-ligi Civili.

"Fl-affarijiet ta' kummerc, tghodd il-ligi tal-kummerc:

Izda, fejn din il-ligi ma tiddisponiex, jghod l-uzu tal-kummerc, u, fin-nuqqas ta' dan l-uzu, tghodd il-ligi civili." (Art 3)

Dan l-artikolu ghalhekk jsemmi l-bazi tal-ligi kummercjali u jistabbilixxi l-ordni ta' kif dan ghandu jigi applikat. Ghalhekk ghandkom jghoddu d-disposizzjonijiet tal-ligi kummercjali, u fin-nuqqas l-uzanzi kummercjali, u fin-nuqqas ta' dawn it-tnejn il-ligi civili.

Issa l-Artikolu 1142 tal-Kap 16 jiddisponi:

"L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena."

Il-facilita` bankarja, fil-kaz odjern inghatat lil socjeta` kummercjali biex taghmel atti tal-kummerc. Kien dan ir-ragunament li wassal lill-Qrati taghna, fuq pronunzjamenti ta' Qrati u awturi esteri, li jippermettu u jiddikjaraw legali stipulazzjonijiet maghmula f'kuntratti ta' self, anke fejn il-kreditur kien qed jiddebita l-imghaxijiet b'mod kompost u mhux semplici.

Ghalhekk, jirrizulta li kemm il darba fil-gurisprudenza nostrana gie ritenut illi:
"L'uso continuo non mai contrastato delle banche locali e quello che si usa in altre paesi, cioe` quello di capitalizzare nei casi di apertura di credito in conto corrente I lucri sui bilanci a loro dovuti senza precedente convenzione, e cio` a periodi piu` brevi di un anno." (Ara **Negte Francesco Tabone vs Avvocato Luigi Piovano noe.** Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju 1929, Vol XXVII p.1 p.826).

Fil-gurisprudenza lokali din is-sistema ta' komputazzjoni, li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk, l-imghaxijiet isiru jiffurmaw parti mill-kapital. (Ara, **John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et noe.** Qorti tal-Kummerc deciza fil-25 ta' April 1940).

Illi gie sostnut ukoll fil-kaz **Edwin Vassallo noe vs Salvatore Balluci** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-30 ta' April 1947, fejn sar studju approfondit fuq il-materja in kwistjoni u gie osservat:
"Illi fost dawk l-uzi, huwa risaput li fil-kuntratt tal-kont kurrent, l-interessi jimmaturaw ***'ipso jure'***, il-ghaliex il-korrispondenti fil-kuntratt tal-kont kurrent mhuwiex mutwanti, izda reciprokament mandatarji; kif ukoll li l-interessi jistghu jigu akkumulati fuq il-kapital wara zmien konvenut, li jista' jkun ta' sena, sitt xhur, tlett xhur u anke kull xahar sabiex jikkostitwixxu kapital gdid."

Illi dawn is-sentenzi gew segwiti mis-sentenzi iktar recenti tal-Qrati taghna, fosthom, **Dr. Grazio Mercieca noe. vs Joseph Cassar noe. et** deciza fis-6 ta' Ottubru 1994, **Paul Azzopardi noe vs Guido Falzon et,** Appell

Kummercjali deciz fl-20 ta' Lulju 1994, **H.S. B. C. Bank Ltd. vs Teg Industries Ltd. et** deciza mill-prim' Awla Qorti Civili, fid-29 ta' Novembru 2001, **Bank of Valletta p.l.c. vs George Fava** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-13 ta' Jannar 2000. Illi jirrizulta li kien hemm konsistenza fil-gurisprudenza nostrana f'dak li jirrigwarda dan il-principju.

F'dan il-kuntest, ta' min ighid li fiz-zmienijiet pjuttost recenti bdiet tigi ventilata l-veduta li jekk il-Bank iwaqqaf il-facilita` bankarja skond it-termini tal-kuntratt tieghu, u jaghmel ***"call in",*** u ma jhallix lill-istess debitur jaghmel izjed uzu minn tali facilitajiet, l-istess Bank m'ghandu ebda dritt li jaddebita lill-klijent bl-imghaxijiet komposti skond il-prattika bankarja. Fil-fatt, fil-kaz, **John Mary Farrugia vs Gontram Borg noe.** Appell Kummercjali deciz fit-12 ta' Frar 1988, il-Qorti ta' l-Appell irrevokat sentenza tal-Prim' Istanza u qablet li peress li dan l-uzu kummercjali kien sa certu punt, derogazzjoni ghal-ligi skritta kellu jigi mizmum fil-limiti gusti, u li ghalhekk meta l-kont bankarju gie terminat, is-sistema ta' komputazzjoni ta' imghax kif applikat mill-Bank ma kellux jibqa' japplika, u minflok, mat-terminazzjoni tal-kont kurrent, ikunu dovuti biss imghaxijiet semplici.

Gie ribadit ukoll, fil-kawza **Konkors tal-Kredituri ta' Anthony Debono noe.** Appell Kummercjali tad-29 ta' April 1993:
"Il-kapitalizzazzjoni ma tistax issir iktar minn darba fis-sena, ghaliex l-uzu kummercjali ma jistax jidderoga ghar-regola fundamentali li teskludi l-anatocizmu, ghaliex altrimenti, il-kapitalizzazzjoni aktar frekwenti tkun qeghda prattikament tikkonkretizza l-qliegh ta' interessi fuq interessi qabel ma dawn veramnet jigu kapitalizzati skond il-ligi."

Izda, jidher pero` li d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Dicembru 2002, **Bank of Valletta Ltd. vs Anne's Trading Co. Ltd.,** giet affermata l-pozizzjoni fis-sens li din il-Qorti regghet irrivertiet ghall-precedent konfigurat fir-ragjonament dettat fid-decizjoni fl-ismijiet **Edwin Vassallo noe vs Salvatore Balluci** diga` citata hawn fuq. F'dan il-

kaz, il-Qorti rriteniet li ladarba jigi terminat il-ftehim; u din it-terminazzjoni tista' tkun wahda unilaterali, maghmula mill-kreditur, meta l-Bank attur isejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut (***call in***). U minn dak il-mument tat-terminazzjoni, l-imghaxijiet komposti mhumiex aktar leciti.

F'dan il-kaz, saret referenza wkoll ghall-artikolu 1852 tal-Kap 16 li jghid li:
"(1) l-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena."

Ukoll l-artikolu 1850 jikkontempla l-ftehim ghal imghaxijiet fuq self ghall-konsum, wara li fis-subartikolu (2), hemm imnizzel meta dan il-ftehim ghall-imghax huwa lecitu, u taht liema kundizzjonijiet jista' jinbidel f'kapital gdid, fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jipprojbixxi kwalunkwe ftehim iehor fis-sens illi:
(3) "Kull ftehim iehor ta' imghaxijiet fuq imghaxijiet, ma jiswiex."

L-istess principju gie segwit ukoll fil-kaz **Bank of Valletta Ltd. vs Lydia Pulis et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003.

Issa fil-kaz in ezami, inghatat ***'loan facility'*** lill-konvenuti u gie argumentat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank attur, li dan imur hafna vicin il-facilita` bankarja ta' ***overdraft***. Ghandu jigi sottolineat li kuntratt ta' self mhux l-istess bhal kuntratt ta' ***overdraft***. Dan gie spjegat anke minn diversi atturi bhal **Vidari** u **Torrente.** **Torrente** qal fil-fatt, li ***"l-apertura di credito non deve confondorsi con il mutuo*** (promessa di mutuo) (Manuale di Diritto Privato; 9 Ediz; pag 572). Hu veru li l-gurisprudenza taghna hija pacifika li fil-kuntratt ta' ***Overdraft*** l-imghaxijiet komposti huma permessi izda dan ma hux il-kaz fis-self Bankarju.

L-abili difensur legali sostna fin-noti tieghu li l-kuntratti in ezami ma jirriflettux l-mutwu li hu regolat mill-Kodici Civili, izda hu divers guridikament ghax huwa loan facility, u ghalhekk ghandu jkun regolat bl-istess principji tal-***overdraft***. Ghamel distinzjoni bejn is-self pur u semplici ta' mutwu fejn l-imghax jigi kjarament dikjarat. Irrifera li fil-***loan facility*** ma tigix specifikata r-rata ta' imghax, u kull

ma jsemmi hija li l-imghax jista' jingabar ***at the maximum rate allowed by law.*** Fil-***loan facility*** tinghata facilita` ta' loan [flus mqedgha ghad-disposizzjoni ta' min jissellef] bhal fil-kaz ta' ***overdraft.*** L-overdraft huwa riferut mill-guristi taljani bhala ***apertura di credito in conto corrente***; waqt li jirreferu ghal-***loan facility*** bhala ***apertura di credito semplice***. Il-Bank isostni li l-kuntratt huwa wiehed ***sui generis.***

Din il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-Bank attur li l-kuntratt in kwistjoni huwa aktar affini mill-facilita' ta' ***overdraft*** minn kuntratt civili ta' mutwu. Il-lokuzzjoni wzata fil-kuntratt hija ***"and hereby agrees to grant on loan to the customer…"*** Ghaliex il-Bank attur ghazel li ma jaghmilx l-affarijiet cari meta sar il-kuntratt? Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kaz odjern jitratta ***loan*** maghmula permezz ta' kuntratt ta' self. (a fol 7 sa 15). Illi in vista ta' dan il-kuntratt, il-konvenuti dahlu bhala garanti fil-garanziji esebiti minn fol 23 sa 28. Illi ghalhekk, fil-kaz in ezami, ma tezisti l-ebda facilita` ta' ***overdraft***, u ghall-motivi li gew enuncjati u spjegati hawn fuq, il-Qorti ma tikkondividix is-somma li qed tigi reklamata mill-Bank attur. Dan ghaliex l-imghax, f'dan il-kaz ghandu jkun wiehed semplici u mhux kompost.

Il-Qorti thoss li ghandha tiireferi u tikkwota parti mis-sentenza ta' din il-qorti diversament presjeduta [Imh T Mallia] tas-6 ta' Mejju, 2004 [94/2003] fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria mizzewgin Muscat** fejn fost affarijiet ohra intqal:
"Ghar-rigward ta' l-ewwel sottomissjoni, hu veru li hemm sentenzi li, b'semplici riferenza ghall-prattika bankarja, jaccettaw imghaxijiet komposti b'mod differenti minn dak kontemplat fil-ligi anke f'kazijiet ta' self. Din il-Qorti, pero', kif issa presjeduta, ezaminat il-kwistjoni ***funditus*** fil-kawza ***Lombard Bank Malta plc vs IV's Co. Ltd. et,*** li giet deciza fit-3 ta' Lulju, 2003. F'dik il-kawza, din il-Qorti kienet osservat li filwaqt f'kaz ta' *overdraft,* hu permess li banek kummercjali jiccargjaw imghaxijiet komposti, f'kaz ta' self il-"prattika bankarja" hija kontra l-ordni pubbliku u, allura, f'kaz ta' self mhux permess, lanqas ghal banek kummercjali, li jiccargjaw imghaxijiet komposti, hlief bil-

mod kif kontemplat fl-artikolu 1142 fil-Kodici Civili. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara ezami tal-gurisprudenza u d-duttrina in materja, u kienet cara meta ghamlet distinzjoni bejn kuntratt ta' self u dak ta' ***overdraft*** jew kont kurrent. Din il-Qorti osservat illi l-artikolu li jiprojbixxi l-kalkolu ta' limghaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista' jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett "il-hlas ta' somma determinata" *(*art. 1139
Kodici Civili). Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwu, u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' "*overdraft"*. Kuntratt ta' "*overdraft"* ma jittrattax obbligazzjoni ta' "somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Warrington noe vs Sciberras** deciza fit-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita` lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma' l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.

Li kuntratt ta' self mhux l-istess bhala kuntratt ta' ***overdraft****,* johrog ukoll mit-taghlim ta' l-awturi aktar kwotati bhala Messineo, Vidari u Torrente. Dan ta' l-ahhar fil-fatt, jghid li "*l'apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di mutuo (promessa di mutuo)*". Dan l-istess awtur ikompli jispjega li "*il mutuo e' un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l'apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono inceve, contratti consensuali: colui a cui favore l'una o l'altra e' concessa puo' disporre della somma, pagando per esempio, I fornitori o i propri debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessario se di promessa di mutuo si trattasse. (Manuale di Diritto Privat, 9 Edizione; pagina 572).* Ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "**Scicluna vs Zinelli**" riportata fil-Vol. XXX.I.739, u l-Onorabbli Qorti tal-

Kummerc fis-sentenza "**Piovano vs Fenech**" riportata fil-Vol. XXVII.III.466. Kwindi, ma tistax tghid li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta` ta' ***"overdraft"***, li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu u mhux regolat fil-Kodici Civili taghna."

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni. L-imghax ghandhom ikunu fuq bazi semplici. Il-bilanc fit-30 ta' Settembru, 2002 kien jaqra mija u tmienja u disghin elf, tmien mija u hamsa w tletin lira maltin u erbgha w hamsin centezmu [LM 198, 835.54]

***D3. it-tielet eccezzjoni – kreditu pretiz huwa esagerat***

Il-Qorti tosserva li l-konvenuti ma tawx raguni valida ghaliex inghatat din l-eccezzjoni. Jigi osservat li l-***loan*** kienet ta' LM 140,000 izda kienet tipprovdi ukoll ghall-imghax, u ghall-ispejjez. Jista' jkun esagerat jekk wiehed iqis il-pretensjoni tal-Bank attur ghall-imghaxijiet komposti. Jibqa' dejjem il-fatt li l-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jhallsu l-ammont ta' LM 140,000 oltre l-imghaxijiet.

***D4. raba' eccezzjoni – garanzija ma twassalx ghas-solidalita` bejn id-diversi garanti.***

Illi gie eccepit li l-garanziji moghtija mill-konvenuti kollha ma jwasslux ghal solidalita` bejn id-diversi garanti billi ma giet miftehma ebda solidalita` bejniethom. Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Bank attur saret referenza ghall-Artikolu 115 tal-Kap 13, fejn hemm prezunt li fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, il-ko-debituri u l-garanti huma obbligati ***in solidum***.

Gie sottolineat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti li l-artikolu 115 tal-Kap 13, jitkellem dwar ko-debituri, u ghalhekk ma japplikax fejn hemm pluralita` ta' garanti, kif hemm fil-kaz in ezami. U gie sostnut ukoll, li dawn id-dokumenti jistabilixxu s-solidarjeta` biss tal-konvenuti mad-debitur principali Group C. Sales & Marketing Ltd.

Jigi rilevat li fil-garanziji esebiti minn fol 23 sa 28, jinghad dan li gej:
"I/we the undersigned hereby jointly and severally with the Principal guarantee to you the payment of……".

Fil-klawsola 22 ta' l-istess garanzija, jinghad:
"Where this guarantee is signed by more than one party, the liability of each of them hereunder to you shall be joint and several and every agreement and undertaking on their part shall be construed accordingly."

U fil-klawsola 26 jinghad:
"This guarantee is to be interpreted, constued and enforced in accordance with the laws of Malta."

Hawnhekk, ta' min ighid, li l-kliem uzat fil-garanzija jindika li l-garanti iggarantixxew ***'in solidum'*** mas-socjeta` Group C. Ltd. a favur tal-Bank. Illi ma jirrizultax li sar ebda ftehim bil-miktub li jistipula li l-garanti mhumiex solidali bejniethom. Salv prova kuntrarja, il-ganranti ta' self bankarju huwa prezunt garanti ***"in solidum".***

Illi fi hwejjeg ta' natura kummercjali, u sakemm ma jkunx hemm ftehim espress li jghid mod iehor, il-garanti jitqies dejjem li ntrabat solidament mad-debitur ewlieni. Dan johrog kemm mill-artikolu 115 tal-Kap 13 u kemm mill-artikolu 1941 tal-Kap 16. Jigi rilevat li l-artikolu 115 ma jsemmix biss ko-debituri, izda s-subartikolu 2 ta' l-istess artikolu jirreferi specifikament ghal garanti.

Fil-fatt, trattandosi proprja ta' garanzija bankarja li fit-termini ta' l-artikolu 5(b) tal-Kodici tal-Kummerc jirrisolvi ruhu f'att ta' kummerc minhabba li huwa konness ma' self bankarju kien ikun applikabbli li d-dispost ta' l-artikolu 1941 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-garanti fil-hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort' ohra, jitqies dejjem li hu obbligat "***in solidum"*** mad-debitur. (Ara **Av. Dottor Henry sive Eric Mamo noe. vs Charles Psaila et** , Appell Kummercjali deciz fid-19 ta' Mejju 1995, u **Bank of Valletta p.l.c. vs B.G. Catering Equipment Co. Ltd. et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fl-14 ta' Novembru 2002).

Fil-kaz prezenti, il-konvenuti ma ppruvawx li l-garanzija li dahlu ghaliha ma kinitx wahda solidali. Ghal dawn il-motivi, tichad ir-raba' eccezzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi:

Tichad l-ewwel eccezzjoni li “stante li l-kreditu ghall-hlas ta’ tali ammonti seta’ gie res ezekuttiv bl-espedjent facli u xejn kostuz tal-prezentata ta’ l-ittra ufficjali”;

Tilqa’ l-eccezzjoni dwar l-imghaxijiet komposti. L-imghax ghandhom ikunu fuq bazi semplici;

Tichad it-tielet eccezzjoni li l-ammont huwa esagerat;

Tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti li ma hemmx is-solidarjeta` bejn id-diversi garanti.

Tilqa’ t-talba dwar l-ammont dovut billi tiddikjara li sat-30 ta’ Settembru, 2002, il-bilanc kien jaqra mija u tmienja u disghin elf, tmien mija u hamsa w tletin lira maltin u erbgha w hamsin centezmu [LM 198, 835.54]; bl-imghax ulterjuri wara din id-data sal-lum fuq l-ammont ta’ LM 140,144.90 [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta’ Novembru, 1995 fl-ismijiet **Dr. G. Mercieca vs Dr. P. Lofaro – LXXIX-II-646**] u wara llum fuq l-ammont kollu hekk dovut [ghax bis-sentenza jsir kapital dovut li fuqu kollu jghaddi l-imghax].

Tikkundanna lis-socjeta` Group C Limited u lil William Caruana, Kenneth Caruana u Edward u Kim mizzewgin Ellul, jhallsu flimkien u “***in solidum”*** bejniethom lis-socjeta` attrici din s-somma.

Spejjez ghall konvenuti hlief dwar l-eccezzjoni fuq l-imghaxijiet komposti li huma a karigu tal-Bank attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------